32004E0531

AZZJONI KONĠUNTA TAL-KUNSILL 2004/531/PESK

tat-28 ta' Ġunju 2004

li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea f'dik Li qabel kienet il-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari l-Artikoli 14, 18(5) u 23(2) tiegħu,

Billi:

(1) Fit-8 ta' Diċembru 2003 il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2003/870/PESK [1] li temenda u testendi sat-30 ta' Ġunju 2004 il-mandat tar-Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea f'Dik Li Qabel Kienet il-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja.

(2) Fis-26 ta' Jannar 2004 il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2004/86/PESK [2] li taħtar lis-Sinjur Søren Jessen-Petersen bħala Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea f'Dik Li Qabel Kienet il-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja.

(3) Abbażi ta' reviżjoni ta' l-Azzjoni Konġunta 2003/870/PESK, il-mandat tar-Rappreżentant Speċjali għandu jiġi estiż.

(4) Fis-17 ta' Novembru 2003 il-Kunsill adotta linji gwida dwar il-ħatra, il-mandat u l-iffinanzjar tar-Rappreżentanti Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea,

ADOTTA DIN L-AZZJONI KONĠUNTA:

Artikolu 1

1. Il-mandat tas-Sinjur Søren JESSEN-PETERSEN bħala r-Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea (EUSR) f'Dik Li Qabel Kienet il-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, kif stabbilit fl-Azzjoni Konġunta 2003/870/PESK huwa hawnhekk estiż sal-31 ta' Lulju 2004.

2. L-ispiża għandha wkoll tkun eliġibbli sal-31 ta' Lulju 2004.

Artikolu 2

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2004.

Artikolu 3

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fil-Lussemburgu, nhar it-28 ta' Ġunju 2004.

Għall-Kunsill

Il-President

M. CULLEN

[1] ĠU L 326, tat-13.12.2003, p. 39.
[2] ĠU L 21, tat-28.1.2004, p. 30.